# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Rikors numru 934/93 AJM

Kawza numru 34

Joseph Schembri

Vs

Kontrollur tad-Dwana

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat minn Joseph Schembri fl-4 ta' Awissu 1993 meta ppremetta illi b'seizure note datata 4 ta' Jannar 1993 li ggib in-numru 88/92 l-intimat qabad il-karozza Mustang Reg No UUW 329R indikata fl-istess seizure note; illi din is-seizure note inharget in kwantu gie allegat illi l-karozza maqbuda iddahlet Malta bi ksur ta' l-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Art. 17 tal-Att XXXV tal-1989; illi din is-seizure note qatt ma giet notifikata lir-rikorrent u kien biss ricentement illi huwa sar jaf b'dan il-qbid u kien biss f'Lulju li kopja tas-seizure note giet moghtija lilu; illi huwa oggezzjoni bil-miktub ghal dan il-qbid u b'ittra tas-6 ta' Lulju 1993 ta' avviz li hu kien behsiebu jagixxi quddiem din il-Qorti biex jirriprendi pussess tal-oggetti maqbuda;

illi huwa jixtieq qabel xejn jirrileva illi fis-seizure note ma hemmx indikat liema parti ta’ l-artikolu 60 tal-Kap 37 u liema parti tal-artikolu 17 tal-Att XXXV tal-1989 giet allegatament miksura u ghalhekk l-esponent ma huwiex f’posizzjoni li jkun specifiku fl-oggezzjoni tieghu ghal dan il-Qbid;

Illi l-oggezzjoni tal-esponenti ghall-qbid fuq imsemmi hija bazata fuq is-sewgenti:-

1. Illi l-esponenti kien residenti fl-Ingilterra mill-1983 sal-1988;
2. Illi meta gie lura Malta fl-1989 huwa nizzel mieghu l-karozza Ford Mustang Reg No UVW 329R li kienet karozza privata tieghu.
3. Illi l-esponent inghata temporary importation licence fit-22 ta’ Novembru 1989 ghall-karozza.
4. Illi l-karozza sussegwentement garrbet hsara fil-magna u ghalhekk ma setghax johroga minn Malta sakemm din issewwiet liema tiswija kienet tirrikjedi sahansitra magna gdida.
5. Illi tul dan il-perjodu il-karozza in kwistjoni inzammet fl-Strand Garage, il-Gzira sakemm l-esponent isib magna gdida.
6. Illi tul dan il-perjodu l-esponent kien regolarment japplika ghall-estensjonijiet tal-permess temporanju u dan dejjem inghata lilu.
7. Illi meta l-karozza giet maqbuda dan il-fatt sehh mill-Strand Garage, fejn il-karozza kienet qed tinzamm sakemm tinsab magna.
8. Illi kif jistghu jivverifikaw l-istess ufficjali li rmunkaw il-karozza din ma tahdimx u kien ghalhekk ghala l-esponent qatt ma seta’ johrog il-vettura minn Malta.
9. Illi mill-fatti kif jistghu jigu ahjar ppruvati fis-smiegh tal-kawza ma jirrizultax illi kien hemm ksur volontarju tal-art. 60 tal-Kap 37 jew tal-art. 17 ta’ l-Att XXXV tal-1989.

10. Illi ghalhekk is-seizure note hija nulla u l-oggetti ghandhom jigu mehlusa.

Dan premess ir-rikorrent talab li din il-Qorti tordna lill-intimat jirrilaxxa l-oggetti maqbuda bis-seizure note fuq indikata u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Rat ir-risposta tal-intimat presentata fit-8 ta' Novembru 1993 fejn gie sottomess illi n-notifika tas-seizure note saret regolarment u skond il-ligi u specifikatament skond l-artikolu 72 tal-Kap 77 tal-Ligijiet ta' Malta; illi waqt li r-rikorrent jghid li stante li ma gietx specifikat x'kien l-allegat ksur, mhux f'posizzjoni li jaghmel l-oggezzjoni, ta' min jigi rilevat li l-artikolu 17 ta' l-Att XXXV ta' l-1989 jirrigwarda n-non-riesportazzjoni ta' vetturi taht "temporary importation permit" u fi zmien stipulat u izjed il-fuq fir-rikors tieghu ir-rikorrent sahansitra jghid illi ma jirrizultax illi kien hemm ksur volontarju. Illi veru jirrizulta li l-vettura kienet qed tinzamm taht "temporaru importation permit" f'Malta fi Strand Garage, liema permit fuq talba tar-rikorrent gie mgedded diversi drabi, liema tigdid gie moghti; illi sussegwentement it-tigdid ghall-istess licenzja saret minn Alfred Galea proprjetarju ta' Strand Garage, liema estensjoni regghet inghatat sal 31 ta' Novembru 1991 "for repair only" u cioe minn meta ddahlet minn Settembru 1989 sal-31 ta' Novembru 1991. Illi sussegwentement la r-rikorrent u lanqas Alfred Galea ghar-rikorrent ma talbu ebda estensjoni ohra nonostante li l-Kontrollur avza diversi drabi kemm lir-rikorrent fl-indirizz moghti minnu lid-Dwana kemm lill-Alfred Galea jekk jixtieq aktar estensjonijiet u bil-konsegwenza ta' tali nuqqas; illi stante li l-istess vettura ma ntalabx ghaliha estensjoni ohra wara t-30 ta' Novembru 1991 u tul sena shiha baqghet ma ntalabx ebda extension, giet maqbuda skond il-ligi fl-10 ta' Ottubru 1992; illi n-nuqqas tar-rikorrent hu car u anki jekk jirrizulta nuqqas ta' Alfred Galea li gie

fdat il-vettura lilu mill-istess rikorrent, r-rikorrent ghandu biss dritt ghad-danni minghand Alfred Galea; il-qbid ghaldaqstant kien skond il-ligi.
Illi r-rikorrent jghid li s-seizure note hija nulla – illi din is-seizure note hija biss avviz tal-qbid, mhux minnu li l-avviz kien null. Illi l-ligi anzi tispeccifika fl-artikolu 73 (Kap 37) li taht piena ta' nullita, ir-rikors ghandu jghid ghal-liema ragunijiet l-ilment tieghu ghandu jintlaqa'. Ir-raguni li nghatat hu li s-seizure note hi nulla u ma allegax li l-qbid kien null. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghar-rilaxx ta' l-oggetti maqbuda ma tistax tintlaqa'. Illi fil-mertu, ghar-ragunijiet imsemmija qabel, il-qbid sar skond il-ligi u ghaldaqstant ma ghandhiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula.

Hadet ukoll konjizzjoni tar-rikors prezentata mill-intimat fit-8 ta' Mejju 2001 meta gie rilevat li wara li l-kawza kienet giet kkancella fit-22 ta' Ottubru 1999 il-vettura giet distrutta stante li ma kienx sar rikors ghar-riappuntament tal-kawza fit-terminu preskritt.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat.

Mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrent, li kien jabita l-Ingilterra, kien irritorna Malta fl-1989 u f'dik l-okkazzjoni kien gjab mieghu l-vettura in kwistjoni. Ma thallasx id-dazju fuq il-vettura u r-rikorrent uzufruixxa mid-dritt moghti lilu bil-ligi u applika ghall-Temporary Importation Permit pendenti r-riesportazzjoni tal-vettura jew l-hlas tad-dazju relattiv.

Gara li ftit wara li din kienet hawn Malta l-vettura zviluppat hsara fil-magna u kien jehtigilha tiswijiet estensivi. Ir-rikorrent ghalhekk ha l-vettura ghand li Strand Garage fil-Gzira ta' certu Alfred Galea sabiex tinzamm hemm temporanjament sakemm tittiehed ghand mechanic wara li jinstabu l-parts necessarji minn barra minn Malta.

Il-vettura baqghet ghand li Strand Garage ghal tul ta' zmien u perjodikament, meta r-rikorrent jew l-istess Galea, kienu jigu notifikati bil-htiega ta' estensjoni tal-permess sabiex il-vettura tibqa' Malta bl-istess kondizzjonijiet, kienet issir l-applikazzjoni relattiva u l-permess jiggedded. Gara izda li d-dipartiment koncernat ried jivverfika jekk kienux effettivament qed isiru dawn it-tiswijiet u dana billi kien ghadda hafna zmien minn meta intuzat din ir-raguni ghal prezenza tal-vettura f'Malta. Wara verifiki f'Awissu 1991 nstab li kienu ghadhom ma saru ebda xogholijet fuq il-vettura u ghalhekk id-dipartiment iddecida li jinforma lir-rikorrent sabiex dan jew jhallas id-dazju fuqha jew jipproduci garanzija mehtiega biex taghmel tajjeb ghal dan. Ir-rikorrent gie magharraf b'dan personalment mill-kap tad-dipartiment li ukoll spjegalu l-konsegwenzi kollha minhabba xi nuqqas tieghu. Ir-rikorrent f'dik l-okkazzjoni jidher li wieghed li ser jaghmel dak li kien mehtieg izda xorta wahda d-dipartiment ma regax semgha minghandu. Kien ghalhekk li f'Ottubru 1991 ir-rikorrent gie infurmat li l-permess kien skada u ma kienx ser jerga jiggedded u ghalhekk gie ezegwit il-qbid f'Ottubru 1992 u cioe sena wara it-twissija.

Il-qbid gie effettwat mill-garage ta' Galea u f'dik l-okkazzjoni r-rikorrent ma kienx prezenti. Jidher li tentattiv sabiex ir-rikorrent jigi notifikat bil-qbid permezz ta' ittra registrata, kellu ezitu negattiv billi l-ittra marret lura d-dipartiment. Gara ghalhekk li r-rikorrent ma kienx jaf bil-qbid u

induna biss meta ra l-vettura tieghu x-Xatt. Huwa ghalhekk indaga x'kien gara u meta gie infurmat bis-seizure kellem konsulent legali li ottjena kopja tas-seizure note koncernanti l-qbid tal-vettura. Huwa sussegwentement agixxa skond id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ikkunsidrat:-

Ir-rikorrent qed isostni li l-qbid kien illegali billi fl-ewwel lok ma jirrizultax li kien hemm xi ksur intenzjonali tal-ligi da parti tieghu, fit-tieni lok billi qed jisostni li s-seizure note hija nulla minhabba nuqqas ta' notifika, u li di hija ukoll affetta minn nullita' billi ma tispecifikax raguni tal-qbid.

Ghar-rigward tal-intenzjonalita' tar-rikorrent jigi rilevat li Temporary Importation Permit hija koncessjoni moghtija lill-persuni li jigu Malta ghall-perjodi qosra u bl-ebda mod ma tezonera sid l-haga li tkun ddahlet Malta minghajr hlas ta' dazju, mill-hlas tal-istess dazju. Ghalhekk huwa obbligu ta' sid l-vettura jew oggett iehor li jidhol Malta taht din il-koncessjoni li jew jara li l-vettura terga tohrog minn Malta qabel gheluq it-terminu stabbilit jew li jaghmel garanzija ghal hlas tad-dazju jew finalment li jhallas l-istess dazju. Fin-nuqqas, skond il-paragrafu (j) ta' l-Artikolu 60 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta dik il-vettura tkun suscettibbli ghall-konfiska. Isegwi li l-obbligu li jottjeni estensjoni fuq il-permess jaqa' fuq ir-rikorrent u l-intimat mhux tenut joqghod jinformah li t-terminu se jiskadi. Ir-rikorrent fir-rigward qal li huwa kien jmur jgedded il-permess kull darba li kien jircevi ittra mid-dipartiment izda meta l-vettura ddahlet fil-garage ta' Galea huwa ma regax irceva ittri ohra u ghalhekk ma baqghax jmur. Ghalkemm ir-rikorrent mhux korrett f'dak li jghid billi jidher li anke sussegwenti ghall-garaging tal-vettura saru

talbiet ghall-estensjoni (anke skond Galea taht firma tieghu falsifikata) ir-rikorrent ma jistax jgieb bhala skuza xi nuqqas, jekk kien hemm, da parti tad-dipartiment. Dan in-nuqqas tar-rikorrent jidher aktar gravi meta, anke wara li gie nfurmat mill-kap tad-dipartiment dwar il-htiega li jaghmel garanzija jew jhallas id-dazju, xorta wahda ma ghamel xejn. Ghalhekk din li skuza mhux accettabbli u ma teskulpax lir-rikorrent minn nuqqasijet tieghu. Ghandu jinghad ukoll f'dan ir-rigward li r-rikorrent ma ressaq ebda prova biex juri t-tentattivi tieghu biex jgieb l-"parts" mehtiega minn barra u dana meta l-istess vettura kienet tinsab hawn Malta allegatament minhabba in-nuqqas ta' dawn il-"parts".

Illi dwar il-kwistjoni tan-notifika tas-seizure note huwa minnu li l-artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi li meta s-seizure issir fl-assenza tal-hati jew sid il-vettura, l-ufficjal inkarigat ghandu jaghti avviz bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raguni tieghu. Izda l-istess artikolu ma jispecifikax meta dan l-avviz ghandu jigi notifikat lis-sid jew il-hati. Huwa l-qbid tal-oggett soggett ghall-konfiska li huwa relevanti ghall-iskopijiet tal-ligi billi tali qbid huwa konsegwenza ta' ksur tal-provvedimenti tal-ligi – cioe in-nuqqas ta' hlas ta' dazju. L-avviz imsemmi fl-artikolu 72 ma hu xejn hlief rekwizit tal-ligi biex il-parti interessata tkun taf bil-qbid u b'hekk tkun tista' tiehu dawk il-passi kollha lilha permessi mil-ligi. Fil-kaz in ezami jidher li f'xi hin ir-rikorrent gie magharraf b'kopja tas-seizure note u ha l-passi skond il-ligi. Da parti tal-intimat ma tqajjmet ebda eccezzjoni dwar preskrizzjoni ta' l-azzjoni u ghalhekk jidher li kollox gie sanat bil-prezentata tar-rikors odjern.

Illi dwar in-nuqqas ta' raguni ghal-qbid fis-seizure note din ma tidhirx gustifikata billi din tispecifika ezattament ir-raguni ilghala sar il-qbid u

cioe ksur ta'l-artikolu 60 tal-Kap 37 u l-Artikolu 17 tal-Att XXXV tal-1989.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent. Ghall-istess raguni din il-Qorti ma thoss li ghandha taghti xi provvediment fuq ir-rikors tal-intimat tat-8 ta' Mejju 2001.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Onor Imhallef Albert J. Magri